MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 698/2001/1

**Roderick Galdes, Sindku tal-Kunsill Lokali Qormi**

**vs**

**Dione Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-27 ta’ Lulju tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata li ma teccedix il-hamest elef lira (LM5,000.00,0) prevja d-dikjarazzjoni li l-artikolu tal-konvenut intitolat “Is-Sindku Laburista ta’ Hal-Qormi jiftahar b’xoghol li m’ghamilx hu” ippubblikat fil-harga**

**ta' "In-Nazzjon" tat-13 ta' Gunju tas-sena 2001 ta malafama lill-attur billi attribwilu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponuh ghar-redikolu u disprezz tal-pubbliku; (Dok A u Dok B)**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-25 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**Illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni mhix libelluza billi tammonta ghall-"fair comment" dwar fatti sostanzjalment korretti;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri datata s-27 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa ulterjorment:**

**Il-privilegg ta' immunita' minn proceduri legali taht l-Art. 21 tal-Att XV tal-1993 (Att Dwar Kunsilli Lokali);**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni tar-rapprezentanti tal-partijiet limitatament fuq l-eccezzjoni ulterjuri stante li hi ta' natura perentorja;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi d-decizjoni odjerna, anke fuq qbil bejn ir-rapprezentanti legali tal-partijiet, hi limitata ghalhekk ghal din l-eccezzjoni ulterjuri biss;**

**Illi effettivament l-artikolu indikat fin-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut intitolat u latere "Immunita' minn proceduri legali f'certi kazi", jghid testwalment is-segwenti:**

**"21. Meta Kunsill jissuplixxi lil xi membru tal-pubbliku li jkun qed jattendi laqgha tal-Kunsill, jew jissuplixxi ghall-beneficcju tal-media, kopji ta' l-agenda, stqarrijiet, partikolaritajiet u kopji ta' dokumenti ohra, il-pubblikazzjoni ta' kull materja defamatorja fl-agenda, stqarrijiet, partikolaritajiet jew dokumenti hekk suppliti ghandhom ikunu privileggjati sakemm ma jigix pruvat li l-pubblikazzjoni taghhom tkun saret b'malizzja;"**

**Illi l-artikolu in dizamina ghalhekk jipotizza biss zewg okkazzjonijiet fejn dokumenti hemm indikati jkunu koperti b'dan il-privilegg u immunita' u dan, sakemm ma tkunx giet ippruvata xi "malizzja", senjatament:**

**1. Lil xi membru tal-pubbliku li jattendi xi laqgha; jew**

**2. Ghall-beneficcju tal-media;**

**Illi inoltre, dawn iz-zewg rekwiziti jiskattaw biss meta jkun il-Kunsill li "jissuplixxi" il-materjal de quo fl-imsemmija ipotezi;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi fil-kaz in dizamina ma jirrizultax li qed jigi analizzat xi dokument li gie supplit mill-Kunsill Lokali in kwistjoni f'wiehed miz-zewg okkazzjonijiet kif elenkati fl-artikolu 21 tal-Kap 363 fuq sintetikament riprodotti;**

**Illi kuntrarju ghal dak ipotizzat mill-konvenut fin-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tieghu, il-meritu tal-kawza odjerna hu limitat ghal artikolu riprodott f'gazzetta lokali li ta bidu ghall-procedura odjerna taht il-ligi ta' l-istampa, Kap 248 fejn is-sors dirett tieghu ma jirrizultax li kien xi dokument supplit lill-artikolist mill-Kunsill de quo;**

**Illi ovvjament, fil-meritu veru u propju qed issir referenza ampja ghal decizjonijiet, mozzjonijiet u**

**votazzjonijiet li ppermettew lill-Kunsill de quo jagixxi kif jidhirlu li kellu jagixxi, izda dan bl-ebda mod ma jirrizulta li jikkostitwixxi in-ness dirett li jistabilixxi l-artikolu in dizamina li jirrikjedi l-mgohdija ta' xi dokument issuplit lil xi membru tal-pubbliku jew lil mezzi tax-xandir;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tirrespingi l-eccezzjoni ulterjuri fuq riferita u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------